MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 344/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Norbert Ciappara**
**vs**
**Etienne Caruana**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Etienne Caruana ta' 19-il sena iben Francis u Maria Carmela nee' Cilia mieled Pieta fil-31 ta' Awissu 1985 u residenti 18 Pangolina Triq Anton Buttigieg Iklin, ID 443085M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Dicembru 2004, ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (extacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu**

**maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.**

**Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristetta (extacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**U aktar talli matul ix-xahar ta’ Dicembru 2004 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat li wara li nghata hin bizzejjed huwa rega kkonferma din l-ammissjoni. Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, l-Artikoli 40A, 120(A)(i)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) 120A(1)(B) tal-Kap 31 u r-Regolament 3(1) ta’ l-AL 22/1985, ssib lill-imputat hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrieh bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda ai terminu ta’ l-Artikolu 17H tal-Kap 9. Dwar il-piena il-Qorti qed tikkonsidra li l-ewwel nett l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Qed tikkonsidra wkoll li l-fedina penali tieghu hija totalment nadifa kif wkoll il-kwantita illi l-pulizija pprezentat bhala evidenza. Ghal hekk, wara li kkunsidrat dan kollu, qed tikkundanna lill-imputat**

**ghal piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur u ghal hlas ta’ 467 Euro, liema multa tista tithallas b’rati ta’ 50 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti minnha ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur. Ai terminu ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-espert illi telghu ghal 274.17 Euro. Qed tirrakomanda b’mod specjali lill-employer ta’ l-imputat li jibqa’ jzomm lil dan iz-zghazugh fl-impieg ghaliex ma hemm ebda raguni ghal ma ghandux jibqa’ jahdem.**

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------